31988R3491

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3491/88
tad-9 ta' Novembru 1988
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u nomenklatura ta' l-istatistika u t-tariffa komuni doganali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3174/88 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 miġjub fih,

Billi biex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura maqgħuda l-annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iffissa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parti minnha bbażata fuqha jew li żżid xi sottodiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-komunità bil-ħsieb li l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra marbuta ma' kummerċ fi prodotti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, il-prodotti deskritti f'kolonna 1 tat-tabella l-annessa mar-Regolament preżenti jridu jkunu klassifikati taħt il-kodiċi NM xierqa muri fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura maqgħuda taħt il-kodiċi NM xieraq muri fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 1988.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 298, tal-31.10.1988, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni tal-kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. "Ġnub ta' l-aringa", li jikkonsistu fin-naħa tal-lemin u dik tax-xellug ta' l-aringa (li minnhom ir-ras, l-imsaren, il-ġwienaħ (barra d-denb) u xewk ikunu tneħħew, iż-żewġ naħat jinżammu flimkien permezz tal-qoxra tad-dahar	0304 90 21 jew 0304 90 25	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 0304, 0304 90 21 u 0304 90 25. il-prodott ma jitqiesx li jkun fetta li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0304 10 jew 0304 20 (ara hs noti ta' spjega għal kodiċi 0304)
2. Folji ta' *polyether sulphone* miksija bi proċess ta' tqegħid bil-*cathode* b'saff ta' metall, nitrad tal-metall, ossidu tal-metall jew *carbide* tal-metall	3921 90 50	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u t-testi tal-kodiċi NM 3921, 3921 90 u 3921 90 50. il-prodott ma jkunx kopert bil-kliem tal-kodiċi 3920 minħabba li jkun miksi b'metall, ossidu tal-metall, nitrad tal-metall jew *carbide* tal-metall
3. Sodium dihydridobis(2-methoxyethanolato) alluminat f'likwidu (70 %) f'toluene	3823 90 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 3823, 3823 90 u 3823 90 99. il-prodott ma jistax ikun klassifikat f'Kapitolu 29 għaliex ma jkunx jikkonforma ma' dispożizzjonijiet ta' nota 1 (e) tal-Kapitolu 29 hija preparazzjoni ta' l-industrija tal-kimika li mhux speċifikata jew imdaħħla xi mkien ieħor